**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 52

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 15 ta' Marzu 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-05.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Daniel Mallia – Viċi Sindku
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ħadd ma kien assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ħadd ma kien assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

52.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 50

52.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ħamsin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

52.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

52.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap Tal-Minoranza Lorraine Farrugia, l-minuti tal-ħamsin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 52.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa URĠENTI Numru 51

52.3.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-laqgħa urġenti numru wieħed u ħamsin. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

52.3.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

52.3.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Joseph Zahra li kien issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini, l-minuti tal-laqgħu urġenti numru wieħed u ħamsin ġew approvati unanimament.

## 52.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

52.4.1 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif tlesta x-xogħol kollu fuq il-ġebla tal-Kappella tal-Belliegħa, inkluż l-injam tal-koppla.

52.4.2 Is-Sindku qal li Triq is-Salvatur lesta kollha ukoll, grazzi għall-Infrastructure Malta. Issa baqa biss li jiġi mplementati s-sinjali tat-traffiku, parking bays u jitweħlu lura f'posthom xi tabelli.

52.4.3 Is-Sur Dalli qal li tweħħlu 15-il fanali ornamentali dekorattivi ġodda fi Triq Preziosi u fi Triq Preziosi Sqaq nru 2. Dawn ġew iffinalizzati minn fondi mgħottija minn Reġjun Lvant kif kien ġie deċiż li jsir fi seduti preċedenti.

52.4.4 Is-Sur Dalli ġibed l-attenzjoni tal-kunsilliera fejn qal li l-proġett ta' parti mill-pavimentar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, hemm il-qbil li jinbeda dejjem jekk il-kunsill kollu jaqbel mal-Kuntratt li s-Segretarju Eżekuttiv bagħtet qabel is-seduta biex jiġi evalwat. Is-Sur Dalli kompla jgħid kif ftit tal-ġranet ilu, huwa u s-Segretarju Eżekuttiv iltqagħu mal-Perit tal-Kunsill u l-Kuntrattur biex jaraw x'inhi t-triq il-quddiem, biex dan ix-xogħol jibda. Il-Kuntrattur qala ntopp fuq iż-żieda li jrid jingħata tal-għoli tal-prodotti bħal xibka, ħadid, konkos u tarmac. Għalhekk il-kunsill rrefera din il-kwistjoni lil Infrastructure Malta fejn wara diskussjoni sar qbil u kien hemm żieda ta' 15% fuq l-istima li saret fl-aħħar kwart tas-sena li għaddiet 2022. Il-Proġett kollu huwa stmat li se jiswa madwar EUR 339,131.59.Il-Kunsill kkonferma ukoll ma' WSC li l-ispiza li ser tinħareġ mill-kunsill tal-ilma se tibqa dik li kienet maqbula s-sena l-oħra fl-ewwel kwart tas-sena 2022. Issa l-kuntrattur ġie mitlub li jikseb il-permess ta Transport Malta kif suppost qabel jibdew ix-xogħlijiet.

52.4.5 Is-Sindku spjega kif ftit tal-ġranet ilu huwa kien mistieden minn ERA biex jattendi għal webimar, biċ-ċans li forsi jinkisbu fondi tal-EU għal-proġett ta' Slow Streets bejn tlett villaġġi: Lija, Attard u Balzan u flimkien ma' dawn it-tlett villaġġi kien hemm ukoll Gzira, Msida u Ta' Xbiex. Dan kien propost li jsir mill-AKL peress li AKL hija partner f'dan il-proġett. Ġara li ż-żmien biex titressaq l-proposta kien qasir wisq u sakemm ġie ppreparat kollox flimkien ma Balzan u Attard ma stajniex nimxu aktar il-quddiem, għaliex is-sejħa għalqet. Iżda l-preparazzjoni li saret mhux se

tintilef għaliex tista tintuża aktar il-quddiem. Għal dan l-iskop, tal-preparazzjonijiet, kien hemm bżonn tiġi mqabbda persuna bejn it-3 kunsilli biex jiġi ppreparat il-proġett. Ġie deċiż u mqabbad bejn it-tlett kunsilli s-Sur Angelito Sciberras fejn għen ħafna biex saret komunikazzjoni ma' dan id-dipartiment.

52.4.6 Is-Sindku qal li din is-sena ser jaħbat it-tlettin (30) sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Huwa qal li tajjeb li l-kunsill jaħseb biex issir xi ħaġa biex din l-okażżjoni tibqa waħda kommemorattiva. Is-Sur Dalli ssuġġerixxa li ssir plakka kommemorattiva f'post attraenti bl-ismijiet kollha tal-Kunsilliera f'din il-leġiżlatura. Tista wkoll ssir ġimgħa ta' attivitajiet. Is-Sindku qal li l-kunsill irid jaħseb ukoll biex isellem lil dawk is-Sindki, Viċi Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi, amministrazzjoni u staff, kemm dawk ħajjin u anke mejtin. Huwa tal-parir li Jum Hal Lija din is-sena jista jkun il-qofol ta' programm tajjeb biex jitfakkar dan l-avveniment. Is-Sur Dalli temm jgħid li dawk il-Kunsilliera li għandhom xi suġġerimenti, għandhom iressquhom għand is-Segretarju Eżekuttiv biex jibdew isiru l-preparamenti.

## 52.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

52.5.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

52.5.2 Is-Sur Zahra kellu mistoqsija żgħira fejn staqsa lis-Sindku jekk issewwex il-bozoz kollha fi Vjal it-Trasfigurazzjoni għaliex innota li għadt hemm tnejn mhux jixgħelu. Is-Sindku wieġeb kif kollox hemm jixgħel u jaħdem u filfatt ġie kkonfermat mis-Sur Zahra li huwa ra dawn il-bozoz mitfiha ferm qabel il-ġurnata li ġew mibdulin.

52.5.3 Il-Kunsillier Cini ukoll għamel mistoqsija żgħira. Huwa staqsa lis-Sindku dwar kif kien baqa l-kunsill dwar l-implimentazzjoni taz-zebra crossing fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Is-Sindku wieġbu li mhux viabbli ssir skond l-aħħar komunikazzjoni li kellu mingħand il-perit u din li kieku saret ma kinetx ser issir fil-parti fejn talab il-kunsill.

***Il-Ħin kien 5:18pm x'ħin wasal il-Viċi Sindku, Is-Sur Daniel Mallia.***

## 52.6 Korrispondenza

52.6.1 Is-Sur Cini staqsa dwar korrispondenza numru 0094 b'isem 'Talba għall-fondi ta' aġġustament għas-sena 2023'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li kif suppost jaf kulħadd dan is-suġġett għandu x'jaqsam mal-allokazzjoni, fejn parti mill-porzjon tal-allokazzjoni jikkonsisti fi fond ta' aġġustament. Il-Kunsill dejjem jappilka mad-DLG biex dan il-fond ta' aġġustament jiġi utlizzat biex ikompli jsir aktar tisbieħ fil-lokalita u din il-korrispondenza tispjega kif id-DLG aċċetta l-proposta tal-kunsill ta' kif ser jintuża dan il-fond.

52.6.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf dwar xiex titratta korrispondenza numru 0095. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif dik kienet korrispondenza mibgħuta mill-kumitat tal-ismijiet tat-toroq, fejn infurmaw lil kunsill li ġie approvat il-prolungament tal-isem tat-Triq Carmelo Farrugia, fil-parti li nfetħet ġdida. Filfatt il-kunsill issa ordna l-plakek b'isem, ħalli dawn jitweħlu appena jaslu.

52.6.3 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia staqsa dwar korrispondenza numru 0108. Is-Sindku nfurmah kif dik kienet korrispondenza dwar l-applikazzjoni li ssottometta l-kunsill għall-fondi mal-Arpa, biex issir bil-konkos trejqa fi Ħalmann, kif mixtieq mill-bdiewa. Pero jaf li jkun hemm xi oġġezzjonijiet mill-Era dwar din l-applikazzjoni għax diġa kkuntatjaw lil kunsill fejn qalu li din it-trejqa hija passaġġ 'beaten earth' u għalhekk huma għandhom oġġezzjoni biex issir bil-konkos. Issa l-kunsill irrid filfatt jistenna ħalli naraw jekk finalment din l-applikazzjoni mhux ser tkun aċċettata jew le.

52.6.4 Il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 0142. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija spiċċa bi maintenance worker wieħed minn naħa tal-community workers scheme u għalhekk il-kunsill qed jistenna replacement tal-ħaddiem li telaq.

## 52.7 Laqgħa tal-Lokalita' – L-Ewwel laqgħa għas-sena 2023

52.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif hemm stipulati fi atiklu 70 fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali (KAP 363) iridu jinżammu żewġ laqgħat tal-lokalita' fis-sena biex ikun hemm aktar kuntatt mar-residenti. L-ewwel laqgħa annwali għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' April ta' kull sena fejn fiha jiġi ppreżentat r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma.

52.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid kif ir-rapport amministrattiv bħalissa għadu qed jiġi kkumpilat u appena jkun lest ser tibgħat kopja draft tiegħu lil kunsilliera kollha. Ir-rapport finanzjarju u l-pjan ta' Ħidma diġa ġew approvati fi seduti preċedenti. Kopja ta' dawn id-dokumenti ntbgħatu bl-imejl minn qabel lil kunsilliera kollha. Is-Sinjorina Borg fakret ukoll lil Kunsilliera biex sa l-aħħar ta' Marzu 2023, jibgħatu r-rapporti ta' ħidma tagħhom biex dawn jiddaħlu fir-rapport amministrattiv.

52.7.3 B'mod unanimu kien hemm qbil biex din il-laqgħa annwali ssir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-kunsill fis-4 t'April 2022 fis-6:00pm

## 52.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

52.8.1.1 <u>Skemi Reġjun Lvant 2023</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda għall-informazzjoni ta' kulħadd, lista ta' Skemi li reġgħa ħareġ il-Kunsill Reġjonali Lvant għas-sena 2023. B'permezz ta' dawn l-iskemi il-kunsill ikun jista jwettaq diversi proġetti fil-lokalita rispettiva tiegħu b'kollaborazzjoni mar-Reġjun.

52.8.1.2 Is-Sinjorina Borg kompliet tgħid kif l-iskemi jikkonsistu fi:

1) **Attivitajiet Sportivi li jridu jinżammu taħt it-titlu Reġjun Ewropew tal-Isport 2023** – kull kunsill Lokali jista jorganizza attivita' fil-lokalita sa mhux aktar minn €3,000. Hawnhekk is-Sindku ssuġġerrixxa li tista ssir xi darba open day għall-għaqdiet fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv jew fil-faċilita tal-għaqda, biex il-pubbliku jkun jista jara l-isport li tiprattika kull tip ta' għaqda u jikseb informazzjoni forsi ta' kif jista jissieħeb mal-għaqda jekk ikun interessat.
2) **Proġetti Kulturali, Sports, Mużika, Jum il-Lokali, Baned** – Il-Kunsill Lokali jista jibbenifika sa massimu ta' €13,000 sabiex jinżammu proġetti taħt din il-kappa.
3) **Proġetti ta' titjieb fil-lokalita** – Il-Kunsill Lokali jista jibbenifika sa massimu ta' €35,000 sabiex iwettaq proġetti bejn wieħed u ieħor minn Jannar 2023 sal-aħħar ta' Ottubru 2023. Hawnhekk is-Sindku ta l-parir li l-kunsill l-ewwel jistenna ħa jara xi skemi ser joħroġ id-Dipartiment biex ma jsirux applikazzjonijiet duplikati għall-istess proġett u kif ikun jaf dan umbgħad japplika għal dawn il-fondi mar-Reġjun.
4) **Xiri jew Kiri ta' Tiżjien tal-Milied** – Il-Kunsill Lokali jista jibbenifika sa massimu ta' €3,000 fuq xiri jew kiri ta' tiżjien tal-Milied.

52.8.1.3 Is-Sindku talab lil kunsilliera biex jaħsbu ftit dwar kif jistgħu jiġu utilizzati dawn il-fondi bl-aħjar mod biex forsi fis-seduta li jmiss, il-kunsill jibda japprova diversi proġetti li ser jitwettqu b'permezz ta' dawn il-fondi.

52.8.2.1 <u>Ċirkulari Numru SPI/SCI/01/2023 – Skema għall-attivtajiet Kulturali Annwali 2023/2024</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil kunsill kif għal darboħra reġgħat ħarġet l-iskema għall-attivitajiet Kulturali Annwali għal 2023/2024. Din l-iskema qed terġgħa tiġi varjata sabiex tassisti lil kunsill lokali f'attivitajiet kulturali u l-attivita kulturali li jagħżel il-kunsill trid tiġi mplementatha bejn l-1 ta' Ġunju 2023 u il-31 ta' Mejju 2024. Din id-darba il-kunsill jista anke jagħmel użu minn din l-iskema biex issir attivita tal-Milied.

52.8.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attivita sa massimu ta €20,000. Il-Kunsill obbligat li mas-somma jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15% u għandu ċans japplika sa mhux aktar tard minn l-Erbgħa 26 t'April, 2023.

52.8.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid kif ma tistax issir aktar minn attivita waħda u s-Sindku enfasizza wkoll li l-attivita ma tistax tkun Jum il-lokali, il-festa tal-lokali jew festa/attivita reliġjuża.

52.8.2.4 Il-Kunsill ma ddeċidiex għalxiex ser japplika eżatt taħt din l-iskema iżda aktarx li japplika għal fondi biex tkun tista titella l-attivita tal-festival taċ-ċitru għas-sena li jmiss, kif s'issa dejjem sar.

52.8.3.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Ħruġ għall-Sejħa ta' offerti għal manutenzzjoni tal-Parks u ġonna</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-Kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-kunsill, dokument ta' tender, għal manutenzzjoni tal-Parks u ġonna. Kopja tad-dokumentazzjoni kollha diġa intbgħatet b'imejl lil kunsilliera u anke ġiet approvatha għal ħruġ mid-dipartment tal-Gvern Lokali.

52.8.3.2 Is-Sinjorina Borg qalet kif kemm il-darba ma hemmx oġġezzjonijiet u ma ntbgħatux tibdiliet mill-Kunsilliera dwar il-kontenut tad-dokumentazzjoni, jfisser li hem qbil dwar il-kontenut tad-dokumenti minn kulħadd, u ser tmexxi bil-pubblikazzjoni ta' dan id-dokument. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

52.8.4.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Ħruġ għall-sejħa ta' offerti għas-servizz ta' accountant u accounting technician</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill kif it-tender eżistenti li għandu l-kunsill għas-servizz ta' accountant u accounting technician ser jiskadi dalwaqt din is-sena, fi Settembru u għalhekk trid tinħareġ sejħa ġdida. Is-Sinjorina Borg qalet li hija qiegħda fil-proċess li tiprepara d-dokumenti kollha meħtieġa.

52.8.4.2 Kopja tad-dokumentazzjoni kollha ser tintbgħat b'imejl lil kunsilliera kif tkun lesta biex tiġi approvatha mmedjatament għall-ħruġ u ma jkunx hemm dewmien ta' seduta oħra biex din id-dokumentazzjoni tiġi approvatha. Il-Kunsilliera qablu dwar dan u ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

52.8.5.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Ħruġ għall-sejħa ta' offerti għas-servizz ta' street lighting</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill kif it-tender eżistenti li għandu l-kunsill għas-servizz ta' street lighting ser jiskadi dalwaqt din is-sena, fi Settembru u għalhekk trid tinħareġ sejħa ġdida. Is-Sinjorina Borg qalet li hija qiegħda fil-proċess li tiprepara d-dokumenti kollha meħtieġa.

52.8.5.2 Kopja tad-dokumentazzjoni kollha ser tintbgħat b'imejl lil kunsilliera kif tkun lesta biex tiġi approvatha mmedjatament għall-ħruġ u ma jkunx hemm dewmien ta' seduta oħra biex din id-dokumentazzjoni tiġi approvatha. Il-Kunsilliera qablu dwar dan u ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

52.8.6.1 <u>Appell dwar it-tender li nħareġ għall-manutezzjoni u tindif tal-latrini pubbliċi</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill kif il-proċess li jingħata l-award lil kuntrattur kif issuġġeriet mill-Bord tal-evalwazzjoni għat-tender tal-manutenzzjoni u tindif tal-latrini pubblici, kellu jiġi sospiż. Dan għaliex sar appell minn wieħed mill-kuntratturi li tefa l-offerta tiegħu u l-kunsill ġie nfurmat b'dan l-appell mid-Dipartiment tal-kuntratti fl-1 ta' Marzu 2023.

52.8.6.2 Is-Sinjorina Borg kompliet tgħid kif il-kunsill issa bgħat kopja ta' xi dokumentazzjoni kif mitluba mid-Dipartiment tal-kuntratti fosthom, it-tender li ħareġ il-kunsill, ir-rapport tal-evalwazzjoni, l-offerti tal-kuntratturi etċ biex jiġu evalwati mill-istess Dipartiment. Il-Kunsill kellu anke jgħaddi dan il-każ lil Avukat biex iwieġeb lura għall-appell li sar peress li l-appellant kiteb bl-avukat. F'dan l-istadju l-kunsill issa qed jistenna l-way forward mingħand id-Dipartiment tal-kuntratti. Is-Sinjorina Borg qalet li ser iżżomm lil kunsill aġġornat appenna tirċievi lura xi risposta. Il-Probabbilta hija pero li l-kunsill ser ikollu jidher quddiem il-bord tad-Dipartiment tal-Kuntratti biex jinstema dan il-każ ta' appell.

52.8.6.3 Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

52.8.7.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Kuntratt IM – dwar il-pavimentar ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill, għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni, kuntratt li ntbgħat minn IM, dwar ix-xogħlijiet tal-pavimentar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Kopja ta' dan il-kuntratt intbgħat b'imejl lil kunsilliera kollha qabel is-seduta. Dan il-kuntratt qed jitressaq fis-seduta għad-diskussjoni qabel ma jiġi ffirmat u jibdew ix-xogħlijiet, biex ikun hemm qbil dwaru mill-Kunsilliera kollha.

52.8.7.2 Dan l-item diġa ġie diskuss fid-dettal fil-komunikazzjoni tas-Sindku u l-kuntratt ġie approvat unanimament fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Viċi Sindku Daniel Mallia.

52.8.8.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – implimentazzjoni ta' one-way fi (a) Triq Mikielanġ Borġ u (b) fi Ħalmann</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għad-diskuzzjoni l-proposta li tiġi mplimentatha sistema ta' one-way fi

(a) Triq Mikielanġ Borġ (ħruġ biss lejn triq il-Kbira u minn triq il-kbira wieħed ma jkunx jista jidħol lejn Triq Mikielanġ Borġ). Pero residenti li joqgħodu fi Triq Ġeraldu Azzopardi u Triq Mario Aguis ma jiġux affettwati mill-one way u jitħallew jgħaddu both ways.
(b) Ħalmann (Dħul biss minn fejn il-kappella tal-Kunċizzjoni).

52.8.8.2 Wara diskussjoni żgħira li saret bejn is-Sindku u l-Kunsilliera ġie deċiż li l-kunsill għandu jibgħat ittra ta' avviż bil-proposta ta' implimentazzjoni ta' one-way lir-residenti li joqgħodu fiż-żewġ akwati. Dan biex il-kunsill jiddetermina jekk ir-residenti mhux favur jew kontra dawn l-implimentazzjonijiet.

52.8.9.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Lista ta' implimentazzjoni ta' speed humps</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-kunsill, lista ta' speedhumps biex jiġu mplementati fil-lokalita. Is-Sindku qara din il-lista fejn qal li ġew mitluba żewġ speed humps f'partijiet differenti ta' Triq il-Kbira, waħda biex terġgħa titweħħel fi Triq il-Mitħna u oħra fi Triq San Liċinju.

52.8.9.2 Is-Sur Ċini rrimarka li fi Triq il-Kbira, apparti ż-żewġ talbiet li semma s-sindku huwa wkoll kellu talba ta' speed hump oħra f'din it-triq, jiġifiri b'kollox huwa qal li tlett speed humps ġew mitluba.

52.8.9.3 Il-Kunsill unanimament approva li jiġi mplementati l-ispeed humps kollha, inkluż dik li semma s-Sur Ċini. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu tara li ssa jsiru l-applikazzjonijiet ma' TM għal dawn il-humps, biex ikun hemm approvazzjoni kif suppost qabel ma jitweħlu. Is-Sindku qal kif huwa wkoll ser jagħmel eżercizzju fejn jara li quddiem min ser titweħħel il-hump, verament irida u li ma jsibx oġġezzjoni.

52.8.10.1 <u>Talba fi Triq is-Salvatur</u>
Is-Sinjorina Borġ qalet li l-kunsill irċieva talba biex fi Triq is-Salvatur tiġi mweħla mera għal garaxx numru 25 u kif ukoll tlett bollards fl-istess triq: waħda bejn 23 u 24, oħra bejn 24 u 25 u l-aħħar waħda fejn dar 52.

52.8.10.2 Wara diskussjoni li saret bejn is-Sindku u l-Kunsilliera dwar din it-talba, ġie deċiż li l-kunsill għandu japplika ma' TM, għall-approvazzjoni kemm tal-mera u kif ukoll għal bollards. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb li jsiru dawn l-applikazzjonijiet.

52.8.11.1 <u>Talba fi Triq il-Forn – Communal Reserved Parking</u>
Tressqet talba minn xi resident biex fi Triq il-Forn tiġi mplementatha communal reserved parking bay.

52.8.11.2 Wara diskussjoni li saret bejn is-Sindku u l-Kunsilliera ġie deċiż li din it-talba alissa tibqa daqsxejn pendenti pero f'każ li r-resident jerġa javviċina lil-kunsill, il-kunsill għandu japplika ma' TM.

## 52.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

52.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 03/23 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €120.63 għax-xahar ta' Frar.

52.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 52.10 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

52.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b'kollox sad-data tas-seduta, ma kienx hemm applikazzjonijiet alarmanti ġodda, dan skond l-informazzjoni li dejjem tagħmel u li tibgħat it-townplanner tal-kunsill. Dawn l-

applikazzjonijiet dejjem anke tintbgħat kopja tagħhom għall-attenzjoni tal-kunsilliera kollha, biex kemm il-darba jagħti każ li jkunu jixtiequ joġġezzjonaw fuq xi applikazzjoni, jkunu jistgħu jitolbu biex isir dan.

## 52.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

52.11.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

52.11.2 Il-Kunsillier Ċini qal kif huwa jixtieq li bħal ma sar is-sena l-oħra, fi April, jorganizza ħarġa tas-seba' visti, iżda din id-darba minnflokk il-Qrendi din issir lejn l-Imdina u r-Rabat. Huwa sostna wkoll li l-privat għandu jkun b'xejn umbgħad wara s-seba visit min jrid jieħu xi ħaġa żgħira minn xi cafetaria/pastizzerria, spejjeż għalih pero. Is-Sindku u l-Kumplament tal-kunsilliera ma sabux oġġezzjoni li jsir din il-ħarġa.

52.11.3 Is-Sur Dalli qal li wieħed mill-ħaddiema tilef lil ommu u l-kunsilliera li jixtiequ jattendi għal funeral, dan ser isir l-għada tas-seduta fi 8:30am fil-Knisja ta' Santa Elena ta' B'kara. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lil ħaddiem bil-kondoljanzi tagħhom.

52.11.4 Is-Sur Zahra tkellem fejn qal li qed issir ħafna enfażi fuq il-proġetti tal-ambjent u green scaping u ssuġġerrixxa li l-kunsill lokali jidħol fiċ-ċans li japplika għal proġetti simili appena joħorġu l-applikazzjonijiet. Filfatt kif joħorġu dawn l-applikazzjonijiet is-Sindku wieġeb kif il-kunsill baqalu x'jagħmel fil-landscaping tal-Ġnien Ċentru Rikreattiv, jiddependi wkoll kif tinħareġ l-iskema, anke bħala persentaġġi ta' finanzjament.

52.11.5 Is-Sur Zahra tkellem umbgħad dwar il-ġibjun li hemm quddiem il-knisja u dwar jekk hemmx ċans li l-kunsill jinżel jara dan il-ġibjun, kif inhu minn ġewwa biex ikun jaf kemm jiġbor ilma jew pereżempju biex jiddetermina jekk għandux ħsarat. Is-Sindku wieġbu kif meta kienet qed issir Triq il-Kbira minn IM, xi uffiċċjali ta' IM u heritage Malta niżlu xi camera f'dan il-ġibjun biex jagħmlu xi studju. Dan l-istudju kellu jingħata kopja tiegħu lil kunsill pero għadu ma ngħatax u ttieħdet nota biex il-kunsill jiġri wara l-entitajiet biex forsi kopja ta' dan l-istudja jingħata. Is-Sur Dalli kompla jgħid kif it-tijr tiegħu huwa li appena jikiseb dan l-istudju, fis-sajf il-kunsill missu jiprova darba jġib bowser u jiprova jtella l-ilma mill-ġibjun biex jara kemm inġabar ilma u dan l-ilma umbgħad jingħata b'xejn lir-residenti. Ir-residenti li jirreġistraw ruħhom kieku jħalsu biss tat-trasportazzjoni tal-ilma.

52.11.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet kif xi ħadd ġibdila l-attenzjoni li fi Triq Preziosi fejn kien hemm il-Bahia, kien hemm tabella biex ma jidħlux heavy vehicles li din m'għadhix hemm. Hija talbet biex terġa ssir. Is-Sindku qal li ma jsibx oġġezzjoni biex issir din it-tabella, pero fl-entry points kollha tar-raħal diġa hemm tabelli tan-no heavy vehicles u għandhom jkunu biżejjed dawk. Pero m'hemmx oġġezzjoni li din it-tabella ssir xorta waħda wkoll.

52.11.7.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet dwar parkeġġ fi Triq id-Dejqa. Hija qalet li fejn il-kamra mewtwarja jkun hemm il-ħafna karozzi pparkjati. Xi residenti avviċinawha biex l-ewwel parti ssir Keep clear għax jingħalaq l-aċċess meta jipparkja xi ħadd, imma fil-kantuniera fejn numru 62 tista ssir kaxxa. Is-Sindku qal li suppost diġa ma jipparkawx karozzi hemm u filfatt kien hemm min qala xi ċitazzjonijiet għaliex ipparkja hemmhekk. Pero għandu jittieħed xi kejl fir-rokna indikata wara dar 62 biex jiġi ddeterminat jekk tidħolx karozza jew le.

52.11.7.2 Is-Sinjorina Farrugia qalet li l-istess problema hemm fi Triq Preziosi. Is-Sindku qal kif il-każ ta' Triq Preziosi mar fuq il-post hu dwaru. Dwar iż-żewġ każijiet is-Sindku qal li ser jitħadded aktar fid-dettal mal-kunsilliera kollha kif tintemm il-laqgħa.

52.11.8 Il-Ħin kien 6:40pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 12 ta' April 2023 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:00pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 12 ta' April 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |